ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

18 MAY 2023

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 579**

**It-Tlieta 18 ta' April 2023**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fis-6.13 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Angelo Scicluna – Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Mark Grech - Kunsillier
Ghislaine Bongailas - Kunsilliera
Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera

**ASSENTI**

Ma kien hemm ħadd assenti

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**579.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

579.1.1 Inqraw ittri ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Mark Grech, mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas u mis-Sinjorina Angel Gwyn Louisielle Camilleri fejn talbu li jkunu skużati milli jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Angelo Scicluna li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Mark Grech, is-Sinjorina Ghislaine Bongailas u s-Sinjorina Angel Gwyn Louisielle Camilleri jkunu skużati.

**579.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

579.2.1 Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni f'paragrafu 578.12.1 u wara l-kliem 'peress illi hija ħadet ħsieb tfittex', jidħol il-kliem 'u tiġbor l-informazzjoni mill-ħin tagħha u l-kompetenza fil-qasam, flimkien mas-sorsi minn fejn ġiet ikkwotata l-informazzjoni, bħala ħaġa ħolistika u mhux sempliċiment għax kienet responsabbli mill-proġett' u wara l-kliem 'kreditu għax-xogħol li għamlet' jidħol il-kliem 'flimkien mas-sorsi minn fejn ġiet ikkwotata l-informazzjoni,'

579.2.2 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni f'paragrafu 578.12.12 u minflok il-kelma 'is-Santwarju' tidħol il-kelma 'il-Kunvent'.

579.2.3 Il-minuti tal-578 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja.

**579.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

579.3.1 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li fil-25 t' April 2023, l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta se torganizza spettaklu tal-logħob tan-nar f''Ħaż-Żabbar. Is-Sindku qal li ser ikun hemm spettaklu tan-nar tal-ajru fi Triq tal-Labour u spettaklu tal-logħob tan-nar tal-art f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi. Is-Sindku spjega li waqt laqgħa li saret mal-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta, ġie maqbul li jiġu nvoluti l-għaqdiet lokali f'din l-attività. Is-Sindku żied jgħid li s--Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ, l-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel kienu ser jibbenifikaw minn fond ta' €5,000, filwaqt li l-Grupp Armar tal-Festa kienu ser jibbenifikaw minn fond ta' €2,000, għall-parteċipazzjoni tagħhom matul din l-attività, mingħand l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta. Matul din l-attività ser ikun hemm dekorazzjonijiet tat-toroq u ser tindaqq il-banda biex tingħata atmosfera festiva għall-avveniment. Sar qbil ukoll sabiex is-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ, l-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel u l-Grupp Armar tal-Festi ser jingħatalhom permess iqiegħdu posta jew kjosk matul din l-attività biex jbiegħu ikel u xorb tradizzjonali. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li fil-25 ta' April jiġi organizzat spettaklu tal-logħob tan-nar u li l-permessi għal twaqqif ta' posta jew

kjosk jingħata biss lis-Società Filarmonica Maria Mater Gratiæ, l-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel u lill-Grupp Armar tal-Festa.

579.3.2 Is-Sinjura Anna Calleja talbet li l-informazzjoni dwar liema toroq ser jingħalqu minħabba l-ispettaklu tal-logħob tan-nar għandha tkun ippubblikata fuq il-midja soċjali. Dan sabiex tkun imminimizzata kwalunkwe inkonvenjenza lill-komunità.

579.3.3 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-laqgħa li kellha ssir mal-għaqdiet lokali sabiex tiġi diskussa n-nefqa tal-Kunsill fl-attivitajiet li jsiru bil-kollaborazzjoni magħhom kienet għada ma saritx. Is-Sindku spjega li minflok kienet saret laqgħa u ġie diskuss is-sehem tal-għaqdiet matul l-attività tal-logħob tan-nar. Peress illi kienet għada ma ttieħditx deċiżjoni finali dwar kemm ser tkun l-ispiża tal-Kunsill għall-attività tal-*car show* li ser tiġi organizzata bil-kollaborazzjoni mas-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiae, is-Sindku ppropona li sadanittant il-Kunsill japprova l-ispiża tal-uffiċjali tal-LESA li ser ikunu preżenti matul l-attività tal-*car show.* Is-Sur Joseph Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

579.3.4 Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk il-Kunsill kienx ser jiltaqa' mal-għaqiet lokali sabiex jiddiskuti kemm għandha tkun l-ispiża tal-Kunsill matul l-attivitajiet li jiġu organizzati b'kollaborazzjoni. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

579.3.5 Is-Sindku qal li s-*St Patrick FC* kienu talbu l-kollaborazzjoni tal-Kunsill sabiex tiġi organizzata attività tal-*Penalty Shootout* u l-attività *Annual Presentation Night.* Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza l-attività *Annual Presentation Night* u l-attività tal-*Penalty Shootout* flimkien mas-*St Patrick Youth Football Nursery* u li jingħataw *mementos* tal-okkażjoni. Is-Sur Angelo Scicluna qal illi kien ser jippreżenta stima għax-xiri tal-*mementos.*

579.3.6 Is-Sindku talab lis-Sur Angelo Scicluna jiltaqgħu biex jippjanaw x'tip ta' avvenimenti sportivi jistgħu jiġu organizzati fir-*roadshow* li ser jiġi mtella' mill-Kunsill biex jiġi mogħti għarfien lill-pubbliku għal-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar tal-Ewropa. Is-Sindku semma l-ħtieġa li din il-laqgħa ssir din il-ġimgħa stess peress li jrid jiġi ppreżentat il-programm fil-jiem li ġejjin. Is-Sindku żied jgħid li din l-attività ser tiġi ffinanzjata mis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali.

579.3.7 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa annwali li saret nhar il-Ħamis, 13 t'April, 2023.

579.3.8 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li x-xogħol fir-*roundabout* fi Triq tal-Labour kien mistenni jitlesta fil-jiem li ġejjin. Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħlijiet li kienu għaddejjin mill-Gvern Ċentrali fi Triq Alessio Erardi, fi Triq il-Kapuċċini u fi Triq Bormla u qal li x-xogħol kien miexi ġmielu.

579.3.9 Dwar ix-xogħlijiet li kienu qed isiru fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa, is-Sindku qal illi kien ser ikun hemm numru ta' *soft areas* ġodda f'din it-triq. Is-Sindku semma li Infrastruttura Malta ser tkun responsabbli għaż-żamma u l-manutenzjoni tas-*soft areas* ġodda kif ukoll għal dawk eżistenti f'din it-triq, għall-ewwel sena wara li jitlesta l-proġett. Wara dan, ir-responsabbiltà tiġi trasferita lill-Kunsill. Minħabba li l-kuntrattur responsabbli miż-żamma u manutenzjoni tas-*soft areas* ma kienx ser iwettaq xogħol f'din it-triq matul is-sena li ġejja, is-Sindku ssuġġerixxa li ssir laqgħa mal-kuntrattur eżistenti, u jitolbu jinkludi ż-żamma u l-manutenzjoni tas-*soft areas* il-ġodda mingħajr ħlas żejjed matul is-snin ta' wara. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jressaq din it-talba lill-kuntrattur eżistenti.

579.3.10 Is-Sur Joseph Agius staqsa meta kienu ser isiru t-*traffic lights* fi Triq tal-Labour fil-viċinanzi ta' Triq il-Vittorja. Is-Sindku talab lis-Sur Joseph Agius sabiex il-mistoqsijiet dwar affarijiet oħra jitressqu matul l-*item* Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

579.3.11 Is-Sindku qal li fil-proġett li qed isir fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa ser ikun hemm sistema ta' irrigazzjoni sabiex issir it-tisqija. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill ġie mitlub minn Infrastruttura Malta biex l-applikazzjoni għall-implimentazzjoni tal-*meter* tal-ilma u tal-elettriku tkun mimlija mill-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sindku qal li fil-baġit tas-sena d-dieħla il-Kunsill irid jinkludi din l-ispiża. Is-Segretarju Eżekuttiv uriet it-tħassib tagħha dwar l-impatt finanzjarju fuq il-Kunsill f'każ li din it-talba tiġi aċċettata. Is-Sur Angelo Scicluna staqsa mil-liema vot jistgħu jittieħdu biex jiġu koperti dawn l-ispejjeż. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-vot tas-salarji u s-servizzi kuntrattwali żgur li ma jistax isir tnaqqis minnhom minħabba li hemm obbligi finanzjarji. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk il-Kunsill jiflaħx għal din l-ispiża u jekk hux ser titnaqqas mill-vot kulturali. Is-Sur Angelo Scicluna staqsa jekk il-Kunsill jafx kemm ser tkun din l-ispiża. Is-Segretarju wieġbet fin-negattiv. Is-Sur Angelo Scicluna qal illi huwa kien jixtieq ikun jaf x'ser jitnaqqas mill-baġit biex il-Kunsill iħallas il-konsum tad-dawl u l-ilma. Sindku qal illi l-prijorità ewlenija għandha tkun il-manutenzjoni tal-lokalità u mhux attivitajiet oħra. Il-manutenzjoni tal-lokalità għandha tkun il-ħsieb primarju tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien qed isib alternattivi oħra sabiex iġib fondi għall-għaqdiet lokali u jorganizza l-attivitajiet kulturali xorta waħda. Is-Sindku qal illi din is-sena l-Kunsill diġa kien ġab fondi għall-għaqdiet lokali mill-attività li ser issir tal-logħob tan-nar. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li l-Kunsill għandu jinforma lill-għaqdiet lokali dwar dan. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jħallas il-konsum tad-dawl u l-ilma.

579.3.12 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li t-*traffic lights* fi Triq tal-Labour kienu mistennija jsiru fil-ġimgħat li ġejjin.

579.3.13 Is-Sindku tkellem dwar l-ingaġġ ta' skrivana li sar riċentement u nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill kellu jittermina l-kuntratt ta' kandidata A u żied jgħid

li kandidat B, li ġie klassifikat it-tieni fil-lista tal-għażla ma kienx aċċetta l-impjieg għall-kariga ta' Skrivan Skala 15. Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-membri preżenti sabiex il-Kunsill jingaġġa kandidata C, li ġiet klassifikata t-tielet fil-lista tal-għażla. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jingaġġa l-kandidat/a C u f'każ li dan ma jaċċettax il-Kunsill jitlob il-permess mill-*Jobs Plus* sabiex tinħareġ sejħa pubblika għall-ingaġġ ta' Skrivan/a Skala 15.

**579.4 Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat**

579.4.1 Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitat.

**579.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

579.5.1 Fuq proposta tas-Sur Angelo Scicluna li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-14 ta' Marzu 2023 u t-18 t'April 2023 li kienet tammonta għal €112,120.88.

**579.6 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Jannar - Marzu 2023**

579.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar - Marzu 2023. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva unanimament il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar - Marzu 2023.

579.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill il-Pjan ta' Ħidma għas-sena 2023- 2027. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva unanimament il-Pjan ta' Ħidma għas-sena 2023- 2027.

**579.7 *Traffic Management* fiż-żona tal-iskola**

579.7.1 Is-Sindku tkellem dwar it-tibdil fis-sistema tat-traffiku fiż-żona madwar l-iskejjel u qal illi l-perit tal-Kunsill kien qed jipprepara pjanti finali sabiex jerġgħu jintbgħatu għall-approvazzjoni ta' Transport Malta. Dan minħabba li l-pjanti kellhom jiġu aġġornati peress illi parti minn Triq Santa Duminka kienet ser tiġi pedonali. Saret ukoll komunikazzjoni mal-iskejjel. Is-Sindku qal illi minħabba sigurtà għat-tfal tal-iskola, kien ser isir *railing* tal-ħadid fi Triq id-Dukkar kantuniera ma' Triq Castaldi. Dan peress illi Triq id-Dukkar kienet ser tibqa' tintuża bħala *two way*.

579.7.2 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li Transport Malta kienet approvat il-proġett tal-*Mobility Week* kif emendat.

579.7.3 Is-Sinjura Anna Calleja talbet li Triq l-Iskola tibqa' *two way*. Is-Sindku qal illi dan ma kienx possibli li jsir minħabba l-*coaches* tal-iskola. Is-Sinjura Anna Calleja żiedet tgħid li l-*coaches* tal-iskola kienu qed imorru kmieni ħafna qabel ma joħorġu

t-tfal mill-iskola u konsegwenza ta' hekk kien qed jinħoloq konġestjoni tat-traffiku fiż-żona tal-madwar. Is-Sindku qal illi kien ser ikellem lis-surmast tal-iskola dwar dan. Is-Sinjura Anna Calleja ressqet ilment li kienet irċeviet mingħand ir-residenti li joqgħodu fi Triq Santa Tereża minħabba li wħud mill-ġenituri kienu qed jimblukkaw il-garaxxijiet meta jmorru jiġbru t-tfal mill-iskola.

579.7.4 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jagħmel metru *double line* mal-garaxxijiet li hemm fi Triq l-Iskola, minn Triq Santa Tereża sa Triq Felice. Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jsiru s-sinjali ukoll il-parti d-dejqa ta' fejn il-bandli sa Triq Felice; minn Triq id-Dukkar sa Triq Santa Tereża.

579.7.5 Il-Viċi Sindku staqsiet jekk il-pjanti finali kinux ser jitilgħu għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

**579.8 Latrina pubblika**

579.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lill-membri preżenti li l-perit tal-Kunsill kien ħejja l-istima sabiex isir rinovazzjoni tal-latrina pubblika fi Triq iċ-Ċawsli. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li l-istima tal-perit kienet tammonta għal madwar €43,000 filwaqt li l-Kunsill kien approva nefqa ta' €25,000 fl-estimi annwali. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi d-Direttorat għat-Tindif u l-Manutenzjoni kienu lesti joffru servizz bi ħlas u li kienet qed tistenna l-istima għal dan ix-xogħol. Is-Sindku qal illi l-finanzjament ta' dan il-proġett kien ser isir mill-*Planning Funds*. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jżid in-nefqa għal €45,000.

**579.9 Ittri legali**

579.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsill kien irċieva kawża mit-tribunal għal talbiet żgħar mingħand il-kumpanija *Elmo Insurance Limited* dwar inċident li allegatament seħħ meta waqet siġra fuq karozza fi Triq iċ-Ċawsli. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li l-ewwel smigħ ta' din il-kawża kien sar fit-12 t'April, 2023.

**579.10 Tweġibit għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

579.10.1 Is-Sur Joseph Buttigieg nforma lill-Kunsill illi fis-6 ta' Lulju kien ser jorganizza ħarġa għall-anzjani f'Għawdex u talab li l-Kunsill jipprovdi t-trasport saċ-Ċirkewwa u lura. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jipprovdi t-trasport lill-anzjani.

579.10.2 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi l-kuntrattur responsabbli mix-xogħlijiet infrastrutturali f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi kien kissirlu t-tarġa tal-irħam u sa llum kien għadu ma biddilx din it-tarġa. Is-Sindku qal illi l-kuntrattur kien

infurmah li t-targa tal-irħam kienet lesta u kien ser imur iwaħħalha fil-ġranet li ġejjin.

579.10.3 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa meta kienet ser issir il-*crash barrier* quddiem id-dar tiegħu. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill kien ressaq din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

579.10.4 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jitwaħħal *dustbin* fi Triq tal-Labour fejn il-*bus stop* li hemm fil-viċinanzi ta' Triq il-Vittorja u sabiex jitħawwlu l-pjanti fil-*pots* li hemm vojta fi Triq tal-Labour. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien ser jixtri *pots* bil-fjuri għal Triq tal-Labour.

579.10.5 Is-Sindku qal illi l-kuntrattur responsabbli mid-dawl fit-toroq kien qed jibdel il-*cables* ta' taħt l-art fi Triq tal-Labour, u parti mill-bozoz li kien hemm mitfija ġew irranġati. Is-Sindku żied jgħid li kien għad hemm problema f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi u kienet ser titqatta' trinka taħt il-bankina sabiex ikun jista jgħaddi l-*cable* mill-ġdid.

579.10.6 Is-Sinjura Anna Calleja tkellmet dwar Direttorju Wirjiet tal-Ġimgħa l-Kbira li ġie ppubblikat u qalet li dan il-fuljett ma sarx bil-kollaborazzjoni kif kien mifthiem. Is-Sindku spjega għaliex il-fuljett ma sarx bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi l-Kunsill ġab stima kif mitlub mir-regolamenti finanzjarji marbuta max-xiri u approva l-orħos kwotazzjoni li kienet tammonta għal €367.50. L-editur tal-pubblikazzjoni kien talab jistampa l-fuljett għand pubblikatur partikolari. Is-Sindku kompla jgħid li dan ma kienx possibli li jsir minħabba li l-prezz ta' dan il-pubblikatur partikolari kien 'il fuq minn €500. Is-Sindku spjega li meta qal lill-editur biex jipproċedi, kien ifisser biex jipprepara l-materjal u mhux biex jibgħat jistampa l-fuljett għand min ried hu. Meta l-Kunsill talbu jistampa għand l-orħos offerent, l-editur irrifjuta li jagħmel dan minħabba li diġa kien beda l-proċess mal-istampatur magħżul minnu. Is-Sindku żied jgħid li huwa kien informa lill-editur li l-Kunsill kien lest iħallas is-somma ta' €367.50 u offra lill-editur joħroġ il-kumplament f'każ li jrid jistampa l-fuljett għand l-istampatur li jrid hu. Barra minnhekk is-Sindku qal illi sar jaf mingħand wieħed mill-esebituri tal-wirjiet li l-fuljett ġie jiswa biss is-somma ta' €200, meta l-editur kien ipprovda stima l' fuq minn €500. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li milli jidher kien hemm nuqqas ta' ftehim bejn is-Sindku u l-editur ta' dan il-fuljett. Is-Sinjura Calleja riedet tiċċara li l-pubblikazzjoni ta' dan il-fuljett ma saritx bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi l-Kunsill mhux lest iħallas prezz għola meta l-Kunsill kellu stima ferm orħos.

579.10.7 Is-Sinjura Anna Calleja talbet li jitwaħħlu *dog bins* fi Triq l-Iskola. Is-Sindku qal illi diġa kien hemm *dog bins*. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li fuq il-bankina kien qed ikun hemm ħafna ħmieġ tal-klieb. Is-Sur Joseph Buttigieg talab li l-kuntrattur responsabbli mill-knis għandu jiknes u jnaddaf aktar ta' spiss.

579.10.8 Is-Sinjura Anna Calleja talbet li titwaħħal bozza ġdida fuq arblu fi Triq Dun Victor Cauchi.

579.10.9 Is-Sur Angelo Scicluna qal illi kien għadu ma sarx ix-xogħol taż-żebgħa taż-*zebra crossing* li saret ġdida fi Triq Bormla. Is-Sindku qal illi minħabba sigurtà l-ewwel irid isir ix-xogħol tad-dawl taż-*zebra crossing* qabel ma ssir iż-żebgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienet kellmet lill-kuntrattur responsabbli dwar dan.

579.10.10 Is-Sur Angelo Scicluna talab li jsiru *bollards* fuq it-*traffic island* li hemm miżbugħa fl-art fil-viċinanzi ta' Bieb is-Sultan minħabba li kien qed isir parkeġġ bl-addoċċ u kien qed jinħoloq periklu għas-sewwieqa.

579.10.11 Is-Sur Joseph Agius staqsa meta kien ser isir ix-xogħol ta' kostruzzjoni tal-isqaqien li hemm fi Triq l-Inkurunazzjoni. Is-Sindku qal illi l-kuntratt kien skada u l-Kunsill kien fil-proċess sabiex joħroġ sejħa ġdida.

579.10.12 Is-Sur Joseph Agius semma li x-xogħol ta' tarmak li kien sar ħażin fi Triq ix-Xgħajra faċċata ta' Sqaq Numru 1 kien għadu ma ġiex irranġat.

579.10.13 Is-Sur Joseph Agius talab li tiġi rranġata l-bankina li hemm fi Triq is-Santwarju fil-viċinanzi ta' Triq Santa Tereża peress illi kien hemm ix-xifer tal-kurduni mgħolli 'l fuq u kien ta' periklu għall-*pedestrians*. Is-Sur Joseph Agius qal illi t-toqob tal-arbli tal-festa li hemm fi Triq is-Santwarju kienu ta' periklu wkoll.

579.10.14 Is-Sur Joseph Agius qal illi l-fili tal-kurduni tal-bankina ta' Triq Strickland baqgħu ma tkaħħlux. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet ser tibgħat tinforma lill-Infrastruttura Malta. Is-Sur Joseph Agius qal illi l-kurduna tal-bankina ta' Triq il-Kunvent ukoll kellha bżonn manutenzjoni.

**579.11 Mozzjonijiet**

579.11.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**579.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

579.12.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 16 ta' Mejju, 2023 fis-6.00 ta' filgħaxija.

579.12.2 Il-laqgħa spiċċat fit-7.45 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-580 laqgħa li saret nhar it-Tlieta 16 ta' Mejju, 2023.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku